VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,764, 21 ta' April, 2017

Taqsima B

A.L. 111 tal-2017

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2017 dwar il-Perjodu tal-Għeluq tal-Uffiċċji tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2017 dwar il- Perjodu tal-Għeluq tal-Uffiċċji tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi.

Perjodu ta' għeluq.

2. (1) Il-perjodu meta l-uffiċċji tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jkunu magħluqin għandu jkun mill-24 ta' Diċembru ta' xi sena sal-1 ta' Jannar tas-sena li tiġi minnufih wara.

(2) Il-perjodu msemmi fis-subregolament (1) għandu jissospendi kwalunkwe perjodu ta' żmien preskritt fi kwalunkwe regolament taħt l-Att.